**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 606/2016 AF**

**Lorenzo Dellavalle**

**vs**

**Astonfield Solar International Limited (C-41349)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Lorenzo Dellavalle, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Is-socjetà konvenuta intimata ghandha thallas lill-attur is-somma ta' USD200,000 li meta mahduma bir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta fl-20 ta' Lulju 2016 fejn Ewro (€1) huwa ekwivalenti ghal wiehed punt wiehed xejn wiehed tlieta Dollaru Amerikan (USD1.1013) tammonta ghal €181,603. Din is-somma tirrapprezenta self li sar mill-attur lis-socjetà konvenuta kif jirrizulta mill-*promissory note* hawn annessa bhala Dok. A.

Dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellata, anke ufficjalment, is-socjetà konvenuta intimata

baqghet inadempjenti.

Fil-fehma tal-attur is-socjetà konvenuta intimata m'ghandhiex eccezzjoni valida x'taghti kontra din l-azzjoni u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex it-talbiet tas-socjetà attrici jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta intimata thallas lill-attur rikorrenti s-somma minnha dovuta ta' mitejn elf Dollaru Amerikan (USD200,000) ekwivalenti ghas-somma ta' mija wiehed u tmenin, sitt mija u tliet Ewro (€181,603) meta mahduma bir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta tal-20 ta' Lulju 2016 fejn Ewro (€1) huwa ekwivalenti ghal wiehed punt wiehed xejn wiehed tlieta Dollaru Amerikan (USD1.1013), jew l-ekwivalenti ta' mitejn elf Dollaru Amerikan (USD200,000) mahduma bir-rata tal-kambju ta' meta jsir il-hlas skond kif jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti. Din is-somma ta' flus kienet giet mislufa mill-attur lis-socjetà konvenuta fit-13 ta' Dicembru 2013, kif jirrizulta wkoll mill-annessa dokumentazzjoni hawn annessa bhala Dok. "A".

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru tas-7 ta' Lulju 2016 u bl-imghaxijiet legali mit-13 ta' Dicembru 2013 sal-pagament effettiv, kontra s-socjetà konvenuta intimata li hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru baqa' ma deher ebda rapprezentant tas-socjetà intimata minkejja li din kienet debitament notifikata.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjetà intimata.

IMHALLEF

DEP/REG